



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Mejju 2020
(OR. en)

13031/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0216 (NLE)

FDI 35
SERVICES 53
WTO 275

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għas-Servizzi u l-Investment stabbilit skont il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, b'rabta mal-adozzjoni ta' kodiċi ta' kondotta għall-Membri tat-Tribunal, għall-Membri tat-Tribunal tal-Appell u għall-medjaturi

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat
għas-Servizzi u l-Investment stabbilit skont il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali
Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati
Membri tagħha, min-naħa l-oħra, b'rabta mal-adozzjoni ta' kodiċi ta' kondotta
għall-Membri tat-Tribunal, għall-Membri tat-Tribunal tal-Appell u għall-medjaturi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel
subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/37¹ tipprovdi l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra² ("il-Ftehim"). Il-Ftehim ġie ffirmat fit-30 ta' Ottubru 2016.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/38³ tipprovdi l-applikazzjoni provviżorja ta' partijiet tal-Ftehim, inkluż l-istabbiliment tal-Kumitat għas-Servizzi u l-Investment. Il-Ftehim ilu jiġi applikat b'mod provviżorju mill-21 ta' Settembru 2017.
- (3) Skont l-Artikolu 26.2.4 tal-Ftehim, il-Kumitat għas-Servizzi u l-Investment jista' jiehū deċiżjonijiet meta l-Ftehim jipprovdi dan.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/37 tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (ĠU L 11, 14.1.2017, p. 1).

² ĠU L 11, 14.1.2017, p. 23.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/38 tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (ĠU L 11, 14.1.2017, p. 1080).

- (4) F'konformità mal-Artikolu 8.44.2 tal-Ftehim, il-Kumitat għas-Servizzi u l-Investment għandu jadotta deċiżjoni dwar kodiċi ta' kondotta għall-Membri tat-Tribunal, għall-Membri tat-Tribunal tal-Appell, u għall-medjaturi, li għandu jiġi applikat f'tilwim li jirriżulta mill-Kapitolu Tmienja (Investment) tal-Ftehim.
- (5) Għalhekk huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat għas-Servizzi u l-Investment abbażi tal-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat għas-Servizzi u l-Investment dwar kodiċi ta' kondotta sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'Isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għas-Servizzi u l-Investment b'rabta mal-adozzjoni ta' kodiċi ta' kondotta għall-Membri tat-Tribunal, għall-Membri tat-Tribunal tal-Appell u għall-medjaturi għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat għas-Servizzi u l-Investment¹ meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Ara d-dokument ST 6966/20 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.